Fiċ-Ċentinarju ta' l-Inkurunazzjoni

L-ikona tal-Madonna "ta' San Luqa" fil-Katidral ta' l-Imdina

Minn **Mons. ĠWANN AZZOPARDI** – *(Ikompli mill-ħarġa tas-Sibt li għadda)*

Fost l-Isqfijiet devoti kbar tal-Madonna ma rridux inħallu barra lill-Isqof Publio Maria Sant li kkonsagra d-djoċesi ta' Malta lill-Madonna u ddikjaraha Patruna Speċjali tal-Gżejjer tagħna. F'dan l-isfond Mons. Pawlu Pullicino rrifletta li l-ikona għażiża tal-Madonna bil-Bambin "ta' S. Luqa" mill-fond tal-Kappella tas-Sagrament ma setgħetx titgawda, l-ewwel għax mgħottija bil-fidda u mbagħad għax m'hix aċċessibbli għall-pubbliku. Lanqas it-tila tas-Sassoferrato ma setgħet titgawda ghax kienet fl-intern tal-Kor, u kienet turi biss lill-Madonna mingħajr il-wiċċ tal-Bambin.

Għalhekk huwa ppropona u ordna f'Ruma, f'Mejju 1873, mill-artist ta' fama Pietro Gagliardi, tila kbira tal-Madonna bil-Bambin bħala l-Patruna u l-Anġlu Kustodju ta' Malta, fejn il-Madonna bil-Bambin qiegħda tiddomina fuq xena sabiħa mpittra tal-Port il-Kbir ta' Malta. Din poġġieha fil-Kappella ta' l-Anġlu Kustodju biex tissostitwixxi l-kwadru oriġinali, skola ta' Mattia Preti iżda ta' ftit valur artistiku, li għadu miżmum fis-Sagristija tal-Knisja. Mons. Pullicino jinnota li l-post ta' dan l-altar hu l-istess post fejn fil-katidral il-qadim kien hemm il-Kappella tas-Sagrament bil-ikona tant meqjuma tal-Madonna bil-Bambin magħrufa bħala l-Madonna "ta' S. Luqa."

Kellu jkun l-Isqof Pietru Pace li jwettaq ix-xewqa profonda ta' bosta devoti tal-Madonna u jinkuruna din ix-xbieha fis-26 ta' Ġunju, 1898. Ftit anqas minn tliet xhur wara, fl-24 ta' Settembru, huwa nkuruna wkoll ix-xbieha tant għażiża tal-Madonna tal-Mellieħa, impittra fuq il-ġebla, li hi l-eqdem xbieha tal-Madonna meqjuma fil-Gżejjer Maltin.

Ix-xbieha tal-Ikona "ta' S. Luqa" kif ħarġet wara l-aħħar restawr tagħha mis-Sur Samuel Bugeja. Ritratt: Guseppe Cassar

THEJJIJIET GĦALL-INKURUNAZZJONI

Għall-okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni fl-Imdina saru bosta tħejjijiet: il-kappella ġiet dekorata, saru zokklaturi bl-irħam, tħejja ċerimonjal speċjali, inkitbet mużika għall-okkażjoni mill-istess *Maestro di Cappella* tal-Kappella Ġulja tal-Vatikan, Mro Salvatore Meluzzi, li ntbagħtet minn Ruma u llum hi arkivjata fil-Mużew tal-Katidral (u li ndaqqet fil-Pontifkal tal-24 ta' Ġunju dis-sena). Għall-inkurunazzjoni tħejjew iż-żewġ kuruni prezzjużi fuq ras il-Madonna u l-Bambin li bl-akbar skiet ġew offruti u mħallsa minn Mons. Isidor Formosa Montalto, benefattur kbir tal-Kapitlu u tad-Djoċesi.

Madwar għaxar snin wara l-inkurunazzjoni, il-Konti Giovanni Messina għamel donazzjoni lill-Kattidral ta' somma ta' Lm92 u l-Kapitlu ddeċieda li bihom jagħmel omaġġ u protezzjoni lill-Madonna nkurunata billi jordna żewġ bibien tal-fidda biex bil-lejl, u meta jkun jinħtieġ, isakkar l-ikona. Id-disinn ta' dawn il-bibien sar minn Abraham Gatt u x-xogħol fin ġie esegwit mid-Ditta Busuttil.

Il-Kwadru fuq it-tila, tal-Madonna mpittra minn Gian Battista Salvi (Sassoferrato) u mogħti mill-Kanonku L. Famuncelli lill-Katidral biex joħroġ fil-purċissjonijiet flok l-Ikona l-qadima

TMIEM